## 23 ta' Jannar, 1956

Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Onorevoli Mabel Strickland, O.B.E. (*)

*versus*

Eċċellenza Tiegħu Sir Robert Laycock, K.C.M.G., C.B. D.S.O., ne. et.

**Gvernatur — Ġurisdizzjoni — Interpretazzjoni — Ċitazzjoni — Nullità — Art. 6 tal-Proklama V ta' l-1828 — Art. 7 tal-Kap. 3 — Art. 792(1) (b) tal-Kap. 15**

*Bil-Proklama No. V ta' l-1828 (il-lum Kap. 3 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta) ġie statwit illi, mid-data ta' dak il-Proklama l-quddiem, ebda persuna li tkun tgħix jew toqgħod f'dawn il-Gżejjer, ħlief u barra mill-Gvernatur u l-Uffiċjal li jkun "pro tempore" jamministra l-Gvern, u, fil-kawżi Kriminali, l-Arċisqof Isqof ta' Malta, ma għandha tkun eżenti, minħabba l-grad, kondizzjoni soċjali jew professjoni tagħha, Ċivili jew Ekkleżjastika, Militari jew Navali, jew minħabba xi privileġġ ieħor, milli tħarrek jew tiġi mħarrka fil-Qrati Sekulari għal jeddijiet temporali, jew milli tħarrek jew tiġi mħarrka fil-Qrati Sekulari għal delitti temporali, jew, għal kull rigward ieħor, milli tkun suġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati hawn imsemmija; iżda kull kawża, proċess jew proċedura, għandhom isiru quddiem Qorti, Imħallef, jew Maġistrat Sekulari, kompetenti biex jieħu konjizzjoni tal-meritu tal-kawża, proċess jew proċedura.*

*Din id-dispożizzjoni għandha tiġi nterpretata fis-sens li l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur mhuwiex suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati.*

---

(*) B'digriet tas-27 ta' Jannar 1956 (publikat) ġie miċħud lill-attriċi l-permess li tappella minn dina s-sentenza quddiem il-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Tagħha Privat.

*Għax hu principju, universalment aċċettat, li meta l-kliem tal-liġi huma ċari u univoċi, b'mod li ma jippermettux ħlief sinifikat wieħed, allura ma hemmx lok għal ebda interpretazzjoni; u l-kliem ta' dina d-dispożizzjoni huma għal kollox ċari, u ma jistax ikollhom ħlief sens wieħed, illi ċjoè l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur ma hux suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati.*

*Xejn ma jiswa li skond il-prinċipji kostituzzjonali ngliżi l-Gvernatur jista' jiġi konvenut quddiem il-Qrati tal-Kolonja; għax fil-każ ta' Malta hemm din il-liġi speċjali li tikkonferixxi lill-Gvernatur l-eżenzjoni mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati; u l-Qorti għandha tapplika din il-liġi.*

*Għaldaqstant ċitazzjoni maħruġa kontra l-Gvernatur hija nulla, kif huma nulli wkoll il-proċeduri relattivi kontra tiegħu; u l-eċċezzjoni ta' nullità ta' l-attijiet ġudizzjarji tista' tingħata, fost każi oħra, jekk l-att ikun maħruġ minn Qorti inkompetenti, meħuda din il-kelma fis-sens li l-Qorti ma jkollhiex ġurisdizzjoni.*

*Meta, mbgħad, toħroġ ċitazzjoni li tkun nulla minħabba nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti, il-Qorti għandha biss tiddikjara dik in-nullità, u mhux tiċħad it-talba kontra l-konvenut għax mhux suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attriċi, wara li ppremettiet illi l-konvenut Sir Robert Laycock, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, bagħat "warrant" lill-konvenuti l-oħrajn fl-24 ta' Diċembru 1955, publikat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Diċembru 1955, biex igħarraf illi huwa, skond l-art. 4 (1) tal-Att tal-1955 dwar ir-"Referendum", iffissa l-granet 11 u 12 ta' Frar 1956 bħala dati tar-"Referendum", li għandu jsir fuq proposti li jiġu publikati fil-Gazzetta tal-Gvern; u illi dan il-"warrant" huwa null, għaliex "ultra vires" tal-imsemmi konvenut Sir Robert Laycock fil-kwalità tiegħu msemmija, għar-raġuni li l-poteri tal-Gvernatur ta' Malta huma definiti fil-Letters Patent, li jistabbilixxu l-karika tal-Gvernatur ta' Malta, datati 5 ta' Settembru 1947, u fl-Istruzzjonijiet mogħtija lill-Gvernatur fl-istess data; u illi dawn id-dokumenti ma jikkonferixxu l-ebda poter lill-Gvernatur illi jiffissa data jew dati għar-"Referendum" kif stab-

bilit fir-Referendum Act, 1955; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti kollha opportuni, talbet li jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmi "warrant" tal-konvenut Sir Robert Laycock huwa "ultra vires", u għalhekk null; u li, in konsegwenza tad-deċiżjoni li tiġi mogħtija fuq l-ewwel domanda, dina l-Qorti tinibixxi lill-istess konvenuti Kummissjunarji milli jmexxu r-"Referendum". Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut l-Eċċellenza Tiegħu Sir Robert Laycock, Gvernatur ta' Malta, li biha, preliminarment, issottometta illi huwa mhux suġġett għall-ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti jew ta' kwalunkwe Qorti oħra ta' dawn il-Gżejjer; u għalhekk il-proċediment preżentat kontra tiegħu huwa null, u żgur ma jistax jitkompla fil-konfront tiegħu;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-kontenuti l-oħra, li biha sottomettew illi n-nomina tagħhom, u l-"warrant" kommunikat lilhom mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur, bis-saħħa tar-Referendum Act, 1955, huma perfettament validi u legali; u t-talba tal-attriċi hija għalhekk, infondata;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-19 ta' Jannar 1956, li biha ddikjarat li ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża fil-konfront tal-konvenut l-Eċċellenza Tiegħu Sir Robert Laycock, fil-kwalita' ta' Gvernatur u Commander-in-Chief tal-Gżira ta' Malta u d-Dipendenzi Tagħha; iddikjarat nulla ċ-ċitazzjoni u l-proċeduri relattivi, in kwantu rivolti kontra tiegħu; u konsegwentement ċaħdet it-talbiet in kwantu jirrigwardaw lilu; bl-ispejjeż kontra l-attriċi; u ddifferiet il-kawża biex titkompla skond il-liġi; wara li kkunsidrat, dwar l-eċċepita preġudizzjali;

Illi dina l-eċċezzjoni qegħedha tiġi bażata fuq l-art. 6 tal-Proklama Nru. 5 ta' l-1828 (il-lum art. 7 tal-Kapitolu 3 ta' l-Edizzjoni Riveduta tal-Liġijiet ta' Malta). Dan l-artikolu jiddisponi illi "mid-data ta' din il-Proklama l-quddiem, ebda persuna li tkun tgħix jew toqgħod f'dawn il-Gżejjer, ħlief u barra mill-Gvernatur jew l-Uffiċjal li jkun "pro tempore" jamministra l-Gvern, u, fil-kawżi kriminali, l-Arċisqof Isqof ta' Malta, jew l-Isqof ta' Malta "pro tempore",

ma għandha tkun eżenti, minħabba l-grad, kondizzjoni soċjali jew professjoni tagħha, Ċivili jew Ekkleżjastika, Militari jew Navali, jew minħabba xi privileġġ ieħor, milli tħarrek jew tiġi mħarrka fil-Qrati Sekulari għal jeddijiet temporali, jew milli tħarrek jew tiġi mħarrka fil-Qrati Sekulari għal delitti temporali, jew, għal kull rigward ieħor, milli tkun suġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati hawn imsemmija; iżda kull kawża, proċess jew proċedura, għandhom isiru quddiem Qorti, Imħallef, jew Magistrat Sekulari, kompetenti biex jieħu konjizzjoni tal-meritu tal-kawża, proċess jew proċedura";

Illi l-partijiet ma jaqblux dwar l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni; u konsegwentement hu dmir tal-Qorti tiddikjara kif jistħoqqilha tiġi nterpretata;

Illi, peress li f'ebda żmien sal-lum ma kien hemm interpretazzjoni leġislattiva f'sens veru u proprju, hemm bżonn li wieħed jirrikorri għall-interpretazzjoni hekk imsejħa dottrinali jew xjentifika, li, kif inhu magħruf, tista' tkun grammatikali u loġika, skond jekk wieħed jeżamina d-dispożizzjoni mill-kliem kif tinsab konċepita jew fl-ispiritu li jinformaha. F'din il-materja, hu prinċipju kostanti, fid-dottrina u fil-ġurisprudenza, illi fl-operazzjoni interpretattiva l-interpretazzjoni grammatikali għandha jkollha l-preċedenza fuq l-interpretazzjoni loġika (Pacifici Mazzoni, "Istituzioni", Vol. I, para. 19, paġ. 47), u illi wieħed għandu jirrikorri għall-interpretazzjoni loġika meta l-interpretazzjoni grammatikali ma tkunx biżżejjed biex turi biċ-ċar il-ħsieb tal-leġislatur; anzi, kif jinnota Baudry, "quando non sia nettamente dimostrato che il legislatore non ha detto ciò che voleva dire, il che deve essere raro e non si presume" (Persone, Vol. I, para. 258). Liema prinċipju ġie adottat anki minn dina l-Qorti fil-kawża "Giovanni Fava vs. Nutar Giovanni Vella", deċiża fid-19 ta' Frar 1935 (Kollez. XXIX-II-331);

Illi l-Qorti, wara li eżaminat l-artikolu in diskussjoni, ma ssibx fih ebda ambigwità jew oskurità, u ma ssibx fih ebda motiv biex tirritjeni illi l-lokuzzjoni fih adoperata ma tirrivelax il-ħsieb tal-leġislatur. U dana għall-konsiderazzjonijiet hawn taħt miġjuba:—

1. Kuntrarjament għal dak li tippretendi l-attriċi, il-Proklama fuq imsemmi kien intiż, kif jidher mit-Titolu oriġinali tiegħu, bħala liġi "con cui si regolano la costituzione e la giurisdizione delle Corti Ecclesiastiche e la Immunità Personale in queste Isole"; jiġifieri żewġ materji li ġew trattati f'liġi waħda; u għalhekk l-immunità tal-Gvernatur jew ta' l-Uffiċjal li jkun "pro tempore" jamministra l-Gvern ma daħletx fil-liġi b'mod inċidentali u indirett, iżda b'mod dirett u prinċipali, skond it-Titolu stess tal-liġi;

2. Dina l-immunità, rigward il-kawżi kriminali, ġiet mogħtija anki lill-Isqof ta' Malta "pro tempore", u ġiet estiża għall-Isqof ta' Għawdex (meta saret id-diviżjoni tad-Djoċesi) bl-Ordinanza VIII ta' l-1865 (Kap. 22 tal-Liġijiet ta' Malta); fejn jingħad illi "id-dispożizzjoni ta' l-art. 7 tal-Liġi dwar il-Kostituzzjoni u Ġurisdizzjoni tal-Qrati Ekkleżjastiċi (Kap. 3), li bis-saħħa tagħha ebda azzjoni kriminali, fil-Gżira ta' Malta u l-Gżejjer li jagħmlu Magħha, ma' tista' tiġi eżerċitata kontra l-Arċisqof Isqof ta' Malta, tgħodd ukoll għall-Isqof ta' Għawdex" (art. 2). Liema dispożizzjoni, fil-lokuzzjoni tagħha, turi li dik l-immunità inħolqot bil-Proklama ta' l-1828, u ma ġietx minnu sempliċement rikonoxxuta u konstatata;

3. Dina l-immunità ġiet ukoll ribadita fis-sena 1854, meta ġew promulgati l-Liġijiet Kriminali (art. 5, l-aħħar inċiż, tal-Edizzjoni Riveduta); kif ukoll ġiet aċċennata fl-art. 749 (il-lum art. 743) tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, promulgati fis-sena 1855; fejn jingħad illi l-Qrati Ċivili tal-Gżira ta' Malta u tal-Gżejjer li jagħmlu Magħha għandhom, mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hemm imsemmija, u dan bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra;

Illi, del resto, il-Proklama fuq imsemmi jidher li, sal-lum, hekk ġie miftiehem u aċċettat, bħala ċjoè li kien intiż biex jissottraji l-Gvernatur jew min ikun jaġixxi f'loku mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati. Difatti, kienet prattika li, taħt ir-reġim kolonjali, il-proċeduri kienu jsiru fil-konfront tal-Lwogotenent Gvernatur, li taħt l-Ordnijiet tal-Gvernatur kien kunsidrat bħala l-Uffiċjal Superjuri ta' l-Amministraz-

zjoni Ċivili; u taħt ir-reġim awtonomu, isiru fil-konfront, jew tal-Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, jew ta' Ministru responsabbli tad-Dikasteru tiegħu. Dan il-fatt jikkostitwixxi konswetudini forensi, li tista' sservi u tiġi nvokata bħala element fl-interpretazzjoni tal-liġi (Fadda, Giurisp. Cod Civ. Ital., Disp. Prelim. art. 3, no. 196);

Illi minn dana jidher illi, sew fit-tradizzjoni leġislattiva, kemm fl-osservanza interpretattiva tal-liġi, l-artikolu in diskussjoni ġie kostantement miftiehem u nterpretat fis-sens li l-Gvernatur ta' dawn il-Gżejjer huwa eżenti mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna, u mhux leċitu għall-ġudikant, fin-nuqqas ta' argumenti serji "in contrario", li jiskarta dik it-tradizzjoni u dik l-osservanza, u ma jagħtihomx il-piż li jistħoqqilhom;

Illi l-attriċi tippretendi li l-eżenzjoni ntrodotta mill-Proklama għandha tiftiehem bħala riżerva biex tissalvagwarda d-drittijiet talvolta ġa eżistenti u rikonoxxuti skond il-prinċipji kostituzzjonali, u għalhekk ma għandhiex tiftiehem bħala eżenzjoni mill-ġurisdizzjoni tal-Qrati, imma bħala insindakabbilità ta' l-atti mill-Gvernatur eżerċitati. Din il-pretensjoni, però, ma hix ammissibbli; għaliex dawk l-atti, fil-każ li ma jkunux saru mill-awtorità kompetenti u bil-formalitajiet preskritti mill-liġi, ma jibqgħux iżjed insindakabbli, u jaqgħu taħt il-kontroll tat-tribunali; u anki allura dawk l-atti jiġu attakkati "fihom innifishom", anki mhux fil-konfront ta' min ikun emanahom. Għalhekk mhix f'lokha s-sottomissjoni ta' l-attriċi, li ċjoè ġie mħarrek il-Gvernatur biex ikun jista' jiddefendi att magħmul minnu. Il-liġi riedet tintroduċi favur il-Gvernatur eżenzjoni u immunità fil-veru sens tal-kelma, evidentement in konsiderazzjoni tal-importanza kbira ta' l-uffiċċju tiegħu, sabiex tipproteġi l-karika lilu mogħtija u tiggarantilu l-libertà l-aktar kompleta fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu;

Illi xejn ma jiswa, għalina, li fil-ġurisprudenza ngliża hemm xi pronunċjati li jippropendu favur it-teżi ta' l-attriċi; għaliex la darba din il-materja tinsab għalina regolata b'liġi espressa, il-Qorti għandha tinterpreta u tapplika din il-liġi;

Illi skond l-art. 792(1)(b) tal-Proċedura Ċivili, l-eċċezzjoni ta' nullità tal-attijiet ġudizzjarji tista' tingħata jekk l-att ikun maħruġ minn Qorti inkompetenti, meħuda dina l-kelma fis-sens li l-Qorti ma jkollhiex ġurisdizzjoni;

Rat il-petizzjoni tal-attriċi fol. 43, li biha talbet ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel subartikolu tal-art. 7 tal-Kap. 3 tal-Edizzjoni Riveduta jingħad hekk: "(1) From and after the date of this Proclamation, no person living or residing in these Islands, save and except the Governor or the Officer for the time being Administering the Government, and, in criminal matters, the Archbishop Bishop of Malta "pro tempore," shall be exempt, by reason of his or her rank, station or profession, whether Civil or Ecclesiastical, Military or Naval, or by or on account of any privilege whatsoever, from suing or being sued in the Lay Courts, in respect of any temporal right, or from prosecuting or being prosecuted in the Lay Courts, in respect of any temporal offence, or from being in all other respects whatsoever subject to the jurisdiction of the said Courts ........";

Hu prinċipju elementari, universalment aċċettat, li meta l-kliem tal-liġi huma ċari u univoċi, b'mod li ma jippermettux ħlief sinifikat wieħed, allura ma hemmx lok għal ebda interpretazzjoni. Jgħid a propożitu l-Maxwell: "The Interpretation of Statutes", 1953 edition, p. 4: "When the language is not only plain, but admits of but one meaning, the task of interpretation can hardly be said to arise". "It is not allowable", says Vattel, "to interpret what has no need of interpretation". "Absoluta sententia expositore non indiget". Such language best declares, without more, the intention of the law-giver, and is decisive of it";

Issa, hu innegabbli illi l-kliem tas-subartikolu fuq ċitat huma għal kollox ċari, u ma jistgħux ħlief ikollhom sens wieħed; illi, ċjoè, l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur ma hux

suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati. Ma hemmx lok, għalhekk, għal ebda interpretazzjoni;

Ġie argumentat mid-difensur tal-attriċi illi l-eżenzjoni pretiża mill-appellat Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur ġiet regolata fil-liġi in kwistjoni inċidentalment biss. Hu x'inhu l-valur ta' dan l-argument, lanqas ma hu korrett. Fil-"Long Title" tal-liġi jingħad hekk: "A law regulating the Constitution and Jurisdiction of the Ecclesiastical Courts and subjecting all classes of His Majesty's subjects, in temporal matters, to the Jurisdiction of His Majesty's Tribunals". Dan ifisser li wieħed mill-iskopijiet tal-liġi kien li jassoġġetta lis-sudditi kollha f'materja temporali għall-ġurisdizzjoni tat-tribunali sekulari; u preċiżament, meta l-leġislatur ġie biex fl-art. 7 jirregola din il-parti tal-liġi, fil-waqt li assoġġetta lil kull persuna li tgħix jew toqgħod f'dawn il-Gżejjer għall-Qrati Ċivili fi ħwejjeġ temporali, eżenta lill-Gvernatur. Għalhekk il-materja regolata, ċjoè soġġezzjoni ta' kull persuna bl-eżenzjoni tal-Gvernatur (minbarra l-eżenzjoni l-oħra tal-Arċisqof), kienet xejn affattu inċidentali, imma mdaħħla fil-"Long Title" tal-liġi. Hu risaput illi, kif jgħid Sir Alison Russell, fil-ktieb tiegħu "Legislative Drafting and Forms", 4th edition, page 30: "Every act has a long title, which indicates the general purpose of the Ordinance, and may be referred to for the purpose of ascertaining its general scope";

Ġie anki argumentat mid-difensur ta' l-attriċi li l-eżenzjoni fuq imsemmija tfisser biss li l-"Acts of State" magħmulin mill-Gvernatur fil-limiti tal-poteri tiegħu ma humiex sindakabbli mill-Qrati. Hu diffiċili jiftiehem kif jista' jiġi avanzat dan l-argument, meta l-liġi, fid-dispożizzjoni fuq ċitata, tgħid, in vija ta' eċċezzjoni, li l-Gvernatur hu eżenti milli jiġi mħarrek fil-Qrati Sekulari dwar jeddijiet temporali, u li ma hux suġġett, għal kull rigward ieħor, għall-ġurisdizzjoni ta' dawk il-Qrati. Hi nota l-massima "Cum statuti non distinguunt nec nos nostris injectis distinctionibus ejusdem statuti sanctionem dilacerare debemus";

Ġie wkoll osservat li, skond il-prinċipji kostituzzjonali ngliżi, il-Gvernatur jista' jiġi konvenut quddiem il-Qrati tal-Kolonja. Iżda fil-każ ta' Malta hemm din il-liġi speċjali, li

għandha tipprevali; u l-Qorti għandha tapplika din il-liġi. Del resto, hu anki prinċipju hekk enunċjat fit-test "Constitutional Law" — Wade and Phillips — 2nd. edition, p. 423 — "His authority is derived from his Commission, and he does not by virtue of his office enjoy the full immunities or prerogatives of the King, but only such as are expressly conferred upon him either by Statute or by his Commission as Governor". U preċiżament, fil-każ ta' Malta, din l-eżenzjoni ("immunity") hi konferita lill-Gvernatur mill-liġi fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Kwantu għall-lokuzzjoni tad-dispożittiv tas-sentenza appellata, li, ladarba l-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni, għalhekk ma kienx il-każ li tiċħad it-talbiet;

Għal dawn il-motivi, u għal dawk tas-sentenza appellata;

Tiddeċidi;

Billi, prevja revoka ta' dik il-parti tad-dispożittiv li biha jingħad li ġew miċħuda t-talbiet, tiċħad l-appell ta' l-attriċi, u tikkonferma s-sentenza appellata, fis-sens li l-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża fil-konfront ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Sir Robert Laycock, u li huma nulli ċ-ċitazzjoni u l-proċeduri relattivi kontra tiegħu; bl-ispejjeż kontra l-attriċi;

Tirrimetti l-proċess lill-Ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni.